MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANTHONY ELLUL

Seduta tas-27 ta' Frar, 2015

Citazzjoni Numru. 665/2014

**Sterling Consultants Group Limited ezercenti l-kummerc bhala Matthew James Mercieca Design Architects**

**Vs**

**Peter u Petra konjugi Griffiths**

Permezz ta' rikors guramentat prezentat fid-29 ta' Lulju 2014 l-attrici talbet li l-qorti tikkundanna lill-konvenuti jhallsuha s-somma ta' tnax-il elf sitt mija u sitta u sebghin ewro u ghaxar centezmi (€12,676.10), hlas dovut ghal servizzi li pprovdiet skond kuntratt tal-10 ta' Marzu 2012 li bih l-attrici giet inkarigata *"[....] to design, detail and*

*supervise works consisting of the Refurbishment of a Semi-Detached Villa at San Pawl tat-Targa….."* [fol. 7].

Permezz ta' twegiba guramentata prezentata fil-11 ta' Settembru 2014 il-konvenuti wiegbu b'mod preliminari li:

*"L-inkompetenza ratione materiae ta' dina l-Onorabbli Qorti stante illi jezisti ftehim bejn il-partijiet, ga anness mar-rikors guramentat u hemmhekk immarkat bhala Dok. SCG1, liema ftehim jinkludi l-klawzola numru 3.11 li tipprovdi li kull kwistjoni dwar il-validita', l-interpretazzjoni u/jew l-infurzar tal-ftehim ghandha tigi rizolta mic-Centru Malti ta' l-Arbitragg u peress li t-talba tar-rikorrenti nnfisha se tkun tinhtieg l-infurzar tal-istess ftehim, hija kienet ai termini tal-imsemmija klawzola obbligata li tirreferi din il-kwistjoni ghall-Arbitragg taht il-Kap. 387 tal-Ligijiet ta' Malta".*

Il-konvenuti pproponew ukoll rikonvenzjoni li biha qeghdin jitolbu l-hlas tad-danni minghand l-attrici ghaliex jallega li *"…. l-kumpannija rikorrenti ma ezegwietx l-appalt lilha moghti skont il-ftehim bejn il-partijiet, l-intimati rikonvenzjonanti sofrew danni konsistenti f'xoghol li kellu jsir sabiex jigi rrangat ix-xoghol hazin li sar mill-istess kumpannija rikorrenti".*

L-attrici wiegbet b'mod preliminari li r-rikovenzjoni hi nulla kemm-il darba l-konvenuti qeghdin jinsistu fuq l-ewwel eccezzjoni. Komplew li f'kaz li r-rikors ma jistax jinstema' u deciz mill-qorti, lanqas ma setghet tigi proposta r-rikonvenzjoni u l-attrici ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

Il-qorti rat in-nota ta' sottomissjonijiet li pprezentaw il-partijiet.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**.

1. Il-kawza titratta dwar ftehim datat 10 ta' Marzu 2011 li bih il-konvenuti taw l-inkarigu lill-kumpannija attrici l-inkarigu to:-

   *"design, detail and supervise works consisting of the Refurbishment of a Semi-Detached Villa at San Pawl tat-Targa….."* (fol. 7).

   Filwaqt li l-attrici tippretendi hlas ta' €12,676.10, il-konvenuti pproponew rikonvenzjoni ghall-hlas tad-danni ghaliex isostnu li l-inkarigu ma giex imwettaq skond is-sengha u l-arti.

2. B'din is-sentenza ser jigu decizi l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti u l-ewwel eccezzjoni tal-atturi ghar-rikonvenzjoni.

3. Klawzola 3.11 tal-kuntratt taqra:

*"**Any dispute arising from this Agreement** or concerning the validity, interpretation and/or enforcement of this Agreement, shall be referred to arbitration, which shall be conducted and regulated by the Malta Arbitration Centre, by one arbiter chosen by both parties and, in default, appointed by the Centre, whose award shall be binding on both parties as final and conclusive".*

M'hemmx dubju li l-kwistjoni li huma meritu tal-kawza u rikonvenzjoni jaqghu taht din il-klawzola. Skond il-kuntratt kull parti kellha tirreferi l-ilment ghall-procedura ta' arbitragg. L-attrici bbazat l-argumenti taghha fuq 'il fatt biss li l-konvenuti ppropronew rikonvenzjoni; *"L-esponenti da parti taghha ssostni illi l-intimati ma jistghux f'nifs wiehed isostnu illi dawn il-proceduri huma nulli, u fl-istess waqt jipproponu kontrotalba fl-istess kawza; dan huwa manifestament kontradittorju"*[1]. L-attrici ma ressqet l-ebda argument iehor ghalfejn il-klawzola ta' arbitragg m'ghandhiex tapplika.

4. Il-qorti tosserva li:-

(a) 'Il fatt wahdu li jkun hemm ftehim ta' arbitragg bejn il-partijiet, ma jeskudix il-gurisdizzjoni tal-qrati ta' kompetenza civili (ara Artikolu 741(3) tal-Kap. 12). Kif osservat din il-qorti f'sentenza tal-25 ta' Jannar 2011[2]:-

***"Il-ligi ma tghidx illi l-qorti ma ghandhiex kompetenza, kif ighidu l-konvenuti fl-eccezzjoni, izda tghid biss illi l-qorti twaqqaf il-procedimenti"*** (**Lovers Transportainment B.V. vs George Smith et proprio et nomine**).

(b) Permezz tal-ewwel eccezzjoni l-qorti tifhem li l-konvenuti qeghdin jinvokaw il-klawzola arbitrali;

(c) Il-kuntratt iffirmat fl-10 ta' Marzu 2011 huwa ligi bejn il-partijiet (Artikolu 992 tal-Kodici Civili);

(d) Il-klawzola tal-arbitragg (3.11) timponi obbligu fuq kull parti li tirreferi dizgwid ghall-procedura ta' arbitragg. Hadd mill-partijiet ma ghandu d-dritt li unilateralment jibdel dak li gie pattwit f'kuntratt;

[1] Nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici, paragrafu 2.
[2] Imhallef G. Caruana Demajo.

(e) Ma tressqux provi dwar jekk qabel giet prezentata l-kawza, sarx xi tentattiv biex il-partijiet jibdew proceduri ta' arbitragg;

(f) Fil-fehma tal-qorti l-kliem *"Any dispute arising from this Agreement"* huma wesghin u l-pretensjoni ta' kull parti fil-konfront tal-ohra jikkwalifikaw bhala tali:

1. Il-ftehim jipprovdi ghall-obbligu tal-konvenuti li jhallsu ghas-servizz li jinghataw;
2. Fil-qadi tad-dmirijiet taghha l-attrici kellha taghti servizz. Ir-rikonvenzjoni hi bazata fuq l-inadempjenza tal-attrici fil-qadi tal-obbligi kuntrattwali taghha;

(g) Fl-eventwalita' li l-partijiet ma jiftehemux dwar il-persuna li ghandha taqdi l-inkarigu ta' arbitru, klawzola 3.11 tipprovdi li l-arbitru jinhatar mic-Centru tal-Arbitragg. Ghalhekk certament m'hemmx diffikulta' dwar il-hatra tal-arbitru fl-eventwalita' li l-partijiet ma jidentifikawx min ghandu jkun l-arbitru;

(h) Il-konvenuti pproponew rikonvenzjoni. Fis-sentenza **Sammy Meilaq nomine vs Oral Attinel et**, 5 ta' Ottubru 2001, il-Qorti tal-Appell osservat:-

*"Affermat il-principju li l-**att tac-citazzjoni u l-kontro-talba jippromwovu zewg azzjonijiet distinti li kellhom ezistenza indipendenti u awtonoma**, tant li hu pacifiku li l-kontro-talba setghet tibqa' tigi konsidrata u deciza, nonostante illi t-talba attrici tkun giet ceduta, wiehed kellu propjament jasal ghall-konkluzzjoni inevitabbli li kemm l-azzjoni, kif ukoll il-kontrotalba kellhom in-natura propja taghhom, u kienu konnessi biss sal-punt illi l-ligi, fil-limiti wiesgha kif issa emendata, tesigi biex il-konvenut ikun jista' jipproponi kontro-talba"*.

Hu stramb kif il-konvenuti filli jinvokaw il-klawzola arbitrali u mbaghad fl-istess att gudizzjarju jipproponu rikonvenzjoni. Fit-twegiba guramentata l-konvenuti ddikjaraw:

*"2. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni preliminari vantata mill-esponenti u ghal dak li jidhrilha li ghandha tordna din l-Onorabbli Qorti f'dak ir-rigward, it-talbiet tal-kumpannija rikorrenti ghandhom jigu michuda u l-kawza tigi deciza skond il-kontro-talba li qieghed ssir kontestwalment ma' din ir-risposta"*.

Imbaghad fir-rikonvenzjoni ddikjaraw:

*"Illi kif diga' gie ccarat fir-risposta guramentata tal-esponenti, **din il-kontro-talba qed tigi ntavolata minghajr pregudizzju ghal dak li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li ghandha tordna fir-rigward tal-eccezzjoni preliminari hemmhekk imnedija**".*

Hu evidenti l-konvenuti ppproponew rikonvenzjoni **ghal li jista' jkun**. Tant hu hekk li f'nota li pprezentaw fis-6 ta' Ottubru 2014 iddikjaraw:

*"[....] huma ma setghux jiehdu r-riskju li din l-Onorabbli Qorti ma taqbilx maghhom u tkompli l-kaz fuq il-mertu u konsegwentement tkun intilfet il-possibilita' ta' l-intavolar tal-kontro-talba.*

*Illi l-esponenti huma ben konxji tal-fatt li f'kaz li l-ewwel eccezzjoni preliminari taghhom tigi akkolta, il-kontro-talba taghhom tmut mewt naturali wkoll"* (fol. 53).

Il-qorti ma taqbilx ma' dan it-tip ta' ragunament. Ma kien hemm xejn milli jzomm lill-konvenuti li fl-eventwalita' li l-ewwel eccezzjoni taghhom tigi michuda, jipproponu kawza ohra wara d-decizjoni preliminari u jitolbu li ssir konnezzjoni ma' din il-kawza. Rikonvenzjoni hi fiha nnifisha kawza u m'ghandha **<u>qatt</u>** tigi proposta ghal li jista' jkun. Min-naha l-ohra in vista tad-dikjarazzjonijiet li ghamlu l-konvenuti fit-twegiba guramentata u r-rikonvenzjoni, il-qorti m'hijiex f'posizzjoni li tasal ghal konkluzjoni li rrinunzjaw ghall-klawzola ta' arbitragg[3].

Il-konkluzjoni tal-qorti hi li l-vertenza li kull parti ghandha fil-konfront tal-parti l-ohra ghandha tigi trattata u deciza f'procedura ta' arbitragg.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi li:-**

1. **Tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta limitatment fis-sens li l-pretensjoni tal-attrici kellha ssir fi proceduri ta' arbitragg, u tichad l-istess in kwantu jinghad li din il-qorti m'ghandhiex kompetenza.**
2. **Tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-attrici fis-sens li l-konvenuti ma kellhomx jipproponu rikonvenzjoni gialadabra hemm ftehim ta'**

3 *"[.....] ma jistax jonqos li tigbed riflessjoni mill-insenjament konkordi tal-Qrati f'bosta sentenzi illi "ir-rinunzji huma di stretto diritto meta ma humiex espressi" ("**Paul Abela nomine -vs- Paul Azzopardi**", Appell Kummercjali, 30 ta' Mejju, 1952). Jinghad, difatti, illi "la rinunzia ad un diritto non si presume, e che per potersi ammettere la rinunzia tacita occorre che la stessa risulti da un atto o da un complesso di atti che suppongono necessariamente nel rinunciante la intenzione di abdicare il suo diritto, e che non potrebbero essere stati eseguiti o compiuti con intenzione diversa". Ara "**James A. Galizia nomine -vs- Giuseppe Cassar Torreggiani et**", Appell Civili, 11 ta' Dicembru, 1933 u "**Michele Tabone et -vs- Emmanuele Sammut nomine**", Prim' Awla, Qorti Civili, 10 ta' Ottubru, 1950"* (Qorti tal-Appell, Imhallef P. Sciberras, fil-kawza **Cordina Insurance Agency Limired vs John Abela Limited**, 3 ta' Ottubru 2008).

**abritragg u ghalhekk il-konvenuti ghandhom iressqu l-pretensjoni taghhom fi proceduri ta' arbitragg**.

3. **Tordna li jitwaqqaf il-procediment quddiem din il-qorti bla pregudizzju ghal dak li jipprovdi l-Artikolu 742(3) tal-Kap. 12.**

**Spejjez ta' din id-decizjoni jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet**.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------